MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Numru 315/2002

Il- Pulizija
(Supretendent Bartolomeo Mula)

vs

Venanzio Vella

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Venanzio Vella ta’ 47 sena bin Lawrence u Susanne xebba Cini, mwieled Victoria, Ghawdex fis- 16 ta’ Ottubru 1957 u li joqghod ‘Gesu Redentur’, Triq l- Gharb, Ghawdex, detenur ta’ karta ta’ identita’ numru: 56057G

Talli fl- 10 ta’ Lulju 2000 ghall- habta tas- 0615 ta’ filghodu waqt li kien qed isuq vettura (truck) bin numru tar- registrazjoni LAR 556 ta’ l- ghamla ‘FODEN’ fi triq il- Marfa, Cirkewwa, limiti tal- Mellieha, b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni u/jew b’ nuqqas ta’ hila fis- sewqan, u/jew b’

nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat- traffiku habat ma' vettura bin- numru tar- registrazzjoni CAT992 ta' ghamla 'ALFA ROMEO' u kkaguna il- mewt ta' David Camilleri.

Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l- imsemmija vettura b' velocita eccessiva, b' manjiera perikoluza, b' manjiera traskurata u bla kont u dan skond sec 15 (1)(A)(2) 65 u sec 127 tar- regolamenti tat- traffiku; u iktar talli qabez il- linji doppji kontinwi.

Talli fl- istess hin, lok u cirkostanzi b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, u/jew b' nuqqas ta' hila fis- sewqan, u/ jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkagunajt hsarat f' vettura numru CAT992 liema hsarat jeccedu l- mitt lira Maltin (Lm100) (Art. 328 (d) Kap. 9)

Talli fl- istess hin lok u cirkostanzi ghamel uzu minn vettura u cie ttuck LAR 556 li kellu tyres lixxi.

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u id- dokumenti kollha.

Rat in- nota ta' l- Avukat Generali.

Ikkunsidrat,

1. Jirrizulta li fl- 10 ta' Lulju 2000 l- Ispettur (dak iz- zmien Surgent) Joseph Mercieca ghall- habta tas- 6.20 a.m. gie mgharraf mill- Kwartieri General ital- Pulizija b' incident fic- Cirkewwa li hu jsejjah 'ikrah'. Mar ma kuntistabbli numru 795, sab fuq il- post kuntistabbli 163, u ra karozza thares lejn ic- Cirkewwa u trakk li kien gejn minn naha opposta. Fil- karozza instab certu David Camilleri li wara t- tabib Cacciatolo iccertifika li kien mejjet.

2. Meta kellem lil akkuzat dan qallu li kien ghadu nizel mill- vapur ta' Ghawdex biex imur il- Mellieha "meta f' daqqa wahda ra l- karozza CAT 992 gejja mid- direzzjoi opposta bi speed eccezziv li marret wrong side u baqghet diehla fih….. bid- daqqa habtitu man naha tax- xellug, tan-

naha tal- karregiata tat- trakk" Mercieca stqarr li ccekkja l-bankina ghat- tyre marks imma ma sab xejn.

3. Il- Periti mqabbda mill- Magistrat tal- Ghassa u li xehdu quddiem il- Qorti fil- 11 ta' Gunju 2002 (fol 38A – 38B) ikkonstataw li fuq il- post ta' l- incident li t- trakk tal- Marka 'Foden' misjuq mill- akkuzat kellu ghaxar roti. Il- mejjet Camilleri kien qed isuq Alfa Romeo. Din hija xhieda importanti billi l- bniedem wahdani li ra l- incident huwa l-akkuzat. L- esperti sabu li:

1. "Il- car kienet qrib il- genb xellugi taghha wica lejn ic-cirkewwa, inklinata l- gewwa minn quddiem. Kraxxjat frontalment go fiha kien hemm it- truck f' angolatura minn nofs it- triq lejn il- car".

2. "It- Trakk, li kellu travu fil- faccata kien mirkub fuq il-faccata tal- car sal w / screen b' mod li s- samp tal- makna tat- truck intlaqat u tkisser u l- karreggjata f' dawn l- inhawi kienet mimlija kollha zejt."

3. "Kien hemm par b' marks, u double wheel li jiehdu mill 'proper side' tat- truck qrib il- medjana, ghal fuq ir- roti ta' wara tat- truck u b' mark iehor li jiehu r- rota tax- xellug ta' quddiem tat- trakk".

4. "Sadanittant kien hemm "push mark" kurvat li jiehu ghal fuq ir- 'rear right wheel' tal- car, jibda b' mod li ma joltrepassax il- linja medjana".

5. "Taht it- truck kien mimli 'flakes' homor bhal kulur il- car u kien hemm partijiet mill- istess car. Brix imhaffer fl- art ta' tkaxkir u ghal nofs taht it- truck kien hemm n- 'number plate' nru CAT992 tal- car. Kien hemm ukoll tkaxkir ta' tyres. Dan kollu kien fil- proper side tal- car.

6. L- esperti stharrgu l- parti l- ohra tal- karregjata " u andke il- kurndun ta' xifer il- bankina tan- naha tal- bahar u hawn ma nstab xejn koness mal- incident". It- tyres tax-xellug tat- truck ma kien fihom xejn li juri xi habta jew hekk ma x' ximkien. "Ezaminaw it- tyres tat- trakk u sabu li " z-zewg double wheel ta' wara (erba' b' kollox) u t- tieni tax-

xellug minn queddiem (mela 5 tyres) kienu lixxi u ma kienux ‘roadworthy’.

7. It- trakk hu kbir “u parti zghira mill- platform tat- truck (rear left) biss kienet fil- karregita ta’ min tiela minn naha tac- Cirkewwa lejn il- Mellieha.”

8. Fix- xhieda moghtija quddiem il- Qorti (kif preseduta) wara li gie mwissi li seta ma jixhedx bhala jedd, l- akkuzat ghazel li jixhed. Donnu ma jaf xejn bil- linja bajda. Ma jiftakarx x’ qal bil- gurament (wara li gie mwissi skond il- ligi) quddiem l- esperti fl- ahharnett.

“Nixtieq inkun iktar preciz. Jien ma nistax insostni li meta hbatna konna mal- bankina. Jiena kont qed nirkeb naqra il- linja tan- nofs u lilu sibtu ma wicci ghax kien maqbud u gara dak li gara.”

9. Il- Perit Richard Aquilina li hejja rapport dwar x’ ra fuq il- post u x’ sab irrelata li

“L- incident in ezami kien gara fil- liwja tat- triq, ftit wara l- pont, kif wiehed ikun sejjer lejn il- ponta tac- Cirkewwa. Il- gewwa mill- post ta’ l- incident it- triq hi dritta”.

Ikkonstata li l- parti l- kbira tat- trakk kienet skorriet il- liwja tan- nofs tat- triq. (ara  skizz ukoll)

10. Ix- xhud in difiza Angelo Mifsud li kien jahdem mal- mejjet jghid li xi kilometru l- boghod mill post fejn gara l- incident David Camilleri qabzu u mar wrong side u li fit- triq kien hemm linja bajda. L- inicident kien sehh meta kompla triqtu.

11. L- esperti medici ddikjaraw li l- mewt ta’ Camilleri giet b’ “hypovolemi shock due to a ruptured liver resulting from a motor vehicle accident”.

12. Mir- rapport ta’ l- esperti jirrisulta li giet kagunata hsara fil- vetturi ghalkemm ma saret l- ebda stima tal- hsara fil- vettura CAT992 ta’ David Camilleri.

13. Mehudin in konsiderazzjoni ix- xhieda moghtija bil- gurament mill- akkuzat u minn dak stabbilit fuq il- post mill- periti jigifieri kif iz- zewg vetturi sfaw danneggiati u l- mod kif il- karozza ta’ Camilleri sfat imkaxkra lura u lateralment u l- brakemarks, jirrizulta sewqan bi speed eccessiv da parti ta’ l- akkuzat li kien qed isuq trakk kbir. L- imgieba ta’ l- akkuzat hi ta’ sewqan perikoluz meta jitqies it- tul tat- trakk platform vojt li hu soggett ghall- spostamenti laterali. Jirrizulta ukoll li is- sewqan jammonta ghal- sewqan b’ maniera bla kont u perikoluza, kien sewqan ikkawza l- omicidju involontarju ta’ David Camilleri u hsara fil- karozza ta’ dan ta’ l- ahhar.

14. Jirrizulta ghalekk li l- akkuzat kien responsabbli ta’

(1) Sewqan bi speed eccessiv u qsim tal- linja bajda fit-triq.
(2) Sewqan b’ maniera bla kont u perikoluza
(3) Omicidju involontarju ta’ David Camilleri.
(4) Hsara fil- karozza numru CAT992 a skapitu ta’ l- istess David Camilleri.

15. Jirrizulta li ghalekemm il- karozza ta’ Camilleri kienet fuq in- naha taghha kienet wisq qrib il- linja bajda li ma hu xejn ghaqli.

16. L- avukat generali jidhirlu li tista’ tinstab hitja tar- reat taht l- artikoli 225 u 328 tal- Kodici Kriminali l- artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal- Kap 65 tal- ligijiet ta’ Malta, regolamenti 88, 127 tar- Regolamenti Dwar il- Vetturi bil- Mutur (llum legislazzjoni sussidjarja 65.11).

17. Mill- fatti stabbiliti l- akkuzat hu hati tar- reati kontemplati fl- artikoli 225,328, tal- Kodici Kriminali, ta’ ksur tar- regolamenti 15 (1)(a) tal- Kap 65 tal- Ligijiet ta’ Malta u tar- regolamenti 88 u 127 tal- Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (kif din kienet meta gara l- incident). Rat l- imsemmija artikoli u regolamenti kif ukoll l- art 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta. Ser tapplika l- ahhar imsemmi artikolu stante il- kondotta ta’ l- akkuzat u stante l- imgieba tad- decuius fuq imsemmija.

Tikkundanna lill- hati sentejn prigunerija liema sentenza ma ghandiex tidhol fis- sehh hlief jekk l- akkuzat jghamel reat iehor fi zmien erba’ (4) snin m’ illum. Rat ukoll l- art 15(2) tal- Kap 65 tal- Ligijiet ta’ Malta u tiskwalifika lill- hati milli jzomm jew ikollu licenzja ghall- zmien tlett (3) xhur m’ illum b’ effett minn ghada.

Il- Qorti qed tispjega lill- hati bi kliem car ir- responsabilita’ tieghu taht l- artikolu 28B jekk huwa jikkometti matu il- perijodu effettiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------